**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Avviż nru 98/23RM**

**Differita 31/05/2023**

**Ivan Grech Mintoff f'ismu proprju**
**u in rappreżentanza tal-Partit Politiku ABBA**

***vs***

**Sandra Gauci;**
**Romina Tolu;**
**u Ralph Cassar f'ismu proprju**
**u in rappreżentanza tal-Partit Politiku ADPD**

**Risposta ta' Sandra Gauci (K.I. [redacted]), Romina Tolu (K.I. [redacted]), u Ralph Cassar (K.I. [redacted]) tal-aħħar imħarrek kemm f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-Partit Politiku ADPD.**

Jirrispondu u jeċepixxu bir-rispett:

Preliminari

1. Illi r-rikorrent għandu jipprova li huwa waħdu għandu r-rappreżentanza tal-partit politiku ABBA, u fin-nuqqas it-talbiet għandhom jigu miċħuda in kwantu magħmula għan-nom tal-partit ABBA;

2. Illi l-partit politiku ADPD gie mħarrek ħażin billi l-intimat Ralph Cassar ma għandux waħdu r-rappreżentanza legali tal-partit politiku ADPD, u għalhekk kwalunkwe talba magħmula fil-konfront tal-partit politiku ADPD għandha tiġi miċħuda;

3. Illi r-rikorrent għandu jipprova liema huma dawk il-kummenti fil-midja miktuba li kull wieħed mill-intimati għamlu u liema parti minn dawk il-kummenti huma malafamanti jew libellużi, u fin-nuqqas it-talbiet għandhom jigu miċħuda;

Mertu

4. Illi l-ebda wieħed mill-intimati ma wettaq malafama jew libell fil-konfront tar-rikorrent kemm bħala Ivan Grech Mintoff f'ismu proprju kif ukoll fil-konfront tal-partit politiku ABBA;

5. Illi l-ebda kumment magħmul mil-intimati ma kkawża kwalunkwe dannu lir-rikorrent f'kull kapaċità, aħseb u ara dak id-dannu serju mitlub mill-artikolu 3(4) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi in kwantu wieħed jista' jifhem mit-talba li r-rikorrent jista' jkun qiegħed jirriferi għal pożizzjoni li r-rikorrent ħa fir-rigward ta' attività kulturali li ttellgħet għat-tfal fuq is-suġġett tal-ġeneru u orjentazzjoni sesswali, l-intimati jeċċepixxu li dak li huma setgħu ddikjaraw fil-pubbliku jammonta għal opinjoni onesta protetta f'artikolu 4(2) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, u hija opinjoni li tindika ċ-ċirkostanzi fuq liema hija bbażata, kif ukoll fuq fatti li kienu jeżistu fiż-żmien tal-pubblikazzjoni;

7. Illi in oltre, l-intimati jeċċepixxu li l-kummenti tagħhom saru f'kuntest ta' kontroversja pubblika, dwar kwistjoni ta' interess pubbliku li diġà kienet qedgħa tiġi diskussa fid-dominju pubbliku u għalhekk hija kommunikazzjoni privileġġjata skon l-artikolu 4(2) u 4(4) tal-Kapitoli 579 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi inoltre l-kummenti magħmula mill-intimati huma espressjoni protetta skond l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u ċioe id-dritt tal-libertà tal-espressjoni, espressi fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, fuq kwistjoni ta' drittijiet ċivili bħal dawk tal-ugwaljanza, tal-familja, u tal-kultura, espressi f'dibattitu li kien diġà qiegħed fid-dominju pubbliku, espresso minn esponenti ta' partit politiku fil-konfront ta' esponenti ta' partit politiku, liema kummenti jirrapreżentaw l-espressjoni u l-parteċipazzjoni tal-intimati fid-djalogu socjali, kulturali u politiku fi ħdan demokrazija;

9. Illi s-sejba ta' dik l-espressjoni u parteċipazzjoni fid-djalogu meħtieġ f'soċjetà demokratika bħala wieħed malafamanti jew libelluż ikun jammonta għal limitazzjoni mhux neċessarja f'soċjetà demokratika, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li r-rikorrent bħala persuna attiv fil-ħajja politika u bħala rappreżentant ta' partit politiku huwa mistenni li jkun miftuħ għal aktar kritika minn persuna privata;

10. Illi ma ġew ikkawżati l-ebda danni għar-reputazzjoni tar-rikorrenti, kemm bħala Ivan Grech Mintoff personali kif ukoll bħala partit politiku ABBA u għalhekk ma għandhom jiġu likwidati l-ebda danni;

11. Illi mingħajr pregudizzju għal dan, kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-aspett li l-kummenti saru f'kuntest ta' kontroversja politika, dwar materja ta' interess pubbliku, bejn politiċi u partiti politiċi, u għandhom jinżammu għal ammont minimu hafna;

12. Illi inoltre t-talbiet tar-rikorrent pro et nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Għaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jeċepixxu li t-talbiet magħmula mir-rikorrent pro et nomine għandhom jigu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Avv Therese Comodini Cachia
għan-nom ta' Ralph Cassar
f'ismu personali kif ukoll
għal partit politiku ADPD

Avv Emma Portelli Bonnici
għan-nom ta' Romina Tolu

Avv Désirée Attard
għan-nom ta' Sandra Gauci

*Esponenti:* *Sandra Gauci, ta'* [redacted]
*Romina Tolu, ta'* [redacted]
*Ralph Cassar, ta'* [redacted]

*Notifika:* *Avv. Frank Anthony Tabone, il-Qorti*